# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 1 ta' Marzu 2022**

**Talba numru 305/2017**

**BRIAN CAMILLERI (350076M)**

**VS.**

**VICTOR GAUCI (461568M) U S-SOĊJETÀ VG SHUTTER & CONCRETE WORKS LIMITED (C21877) LI ĠIET IMSEJĦA FIL-KAWŻA SKONT IL-VERBAL TAT-18 TA' OTTUBRU 2018**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu l-attur espona u talab:

"*L-attur jitlob li dan it-Tribunal jogħġbu jikkundanna u kordna lill-konvenut iħallsu s-somma totali ta' elf u ħames mija u wieħed u tmenin Ewro u għoxrin ċenteżmu - €1,581.20 (VAT inkluż) rappreżentanti ħlas dovut għal xogħol esegwit mill-attur fuq inkarigu dirett tal-konvenut bħala bennej, konsistenti:*

- *F'EUR1,156.40 – elf u mija u sitta u ħamsin Ewro u erbgħin ċenteżmu (VAT inkluż) għal xogħol esegwit għall-ħabta ta' Frar/Marzu 2016, ta' tħammil għall-pedamenti u twittija ta' garaxx f'sit f'Ħ'Attard, u konsegwenti ġarr u rimi tal-materjal;*

- *U f'somma oħra ta' EUR424.80 – erba mija u erbgħa u għoxrin Ewro u tmenin ċenteżmu (VAT inkluż) għal xogħol esegwit għall-ħabta ta' Mejju/Ġunju 2016, ta' tqattiegħ u tindif ta' parapett f'sit f'Ta' Ġiorni u konsegwenti ġarr u rimi tal-materjal.*

*Liema ammont totali hawn mitlub il-konvenut, diversi drabi minn Lulju 2016 sa riċentement dejjem ikkonoxxa u wiegħed li jħallas iżda baqa' inadempjenti.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax legali sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.*"

Ra r-Risposta tal-konvenut Victor Gauci ppreżentata fil-5 ta' Ġunju 2018 li fiha ġie eċċepit:

"*1. Illi preliminarjament, l-intimat mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li se mai, ir-relazzjoni ġuridika hija mal-kumpannija VG Shutter & Concrete Works Limited.*

*2. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Illi fil-mertu, l-ammont mitlub mhuwiex dovut.*

*4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*"

Ra li fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2018, l-attur talab li s-soċjetà VG Shutter & Concrete Works Limited tkun imsejħa fil-kawża, liema talba ġiet milqugħa.

Ra r-Risposta tas-soċjetà VG Shutter & Concrete Works Limited ippreżentata fil-21 ta' Ġunju 2019 li fiha ġie eċċepit:

"*1. Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 u/jew l-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ammont pretiż mhuwiex dovut.*

*3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*"

Ra d-digriet tat-2 ta' Diċembru 2021 li bih ċaħad it-talba tal-attur għal korrezzjonijiet fl-Avviż tat-Talba kif ukoll għal korrezzjoni fl-affidavit tiegħu.

Sema' lix-xhieda, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw matul is-seduta tal-1 ta' Frar 2022, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-1 ta' Marzu 2022.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

L-attur ippreżenta affidavit li fih qal:

- Illi hu kien jaħdem għal rasu "*bil-gaffa*" u kien iqatta' l-blat u jħammel iżda ma kienx bennej. Terza persuna kienet ġabitu f'kuntatt mal-konvenut Victor Gauci.

- Darba fost l-oħrajn, l-attur mar fl-indirizz *107, Triq il-Belt Valletta, Ħ'Attard*, u ltaqa' mal-konvenut. Kien hemm garaxx diġà mibni u dar maġenbu għadha qed tinbena. Il-konvenut kien il-bennej, billi x-xogħol tal-konvenut huwa f'dak il-qasam. Il-konvenut qabbdu jneħħi t-terrapien u l-materjal żejjed fuq barra tad-dar li kienet għadha qed tinbena.

- L-attur iddeskriva x-xogħol li għamel (paragrafu 4 tal-affidavit) u qal li x-xogħol ħadlu madwar jumejn u tmien vjaġġi bil-vann mgħobbi b'materjal għar-rimi. Skont l-affidavit, ix-xogħol sar fl-aħħar ta' Frar jew il-bidu ta' Marzu 2016.

- Wara li tlesta x-xogħol f'Ħ'Attard, il-konvenut inkarigah f'biċċa xogħol f'Ta' Ġiorni, fl-indirizz *2, Wesgħa Agostino Savelli, Ta' Ġiorni, San Ġwann*. Dan ix-xogħol tlesta fl-aħħar ta' April jew il-bidu ta' Mejju 2016.

- L-attur iddeskriva x-xogħol li għamel (paragrafu 6 tal-affidavit) u qal li l-materjal kollu tat-tkissir tat-taraġ u l-ġebel ġarrhom f'erba' vjaġġi bil-vann.

- Ix-xogħlijiet f'Ħ'Attard u f'Ta' Ġiorni huma x-xogħlijiet li tagħhom l-attur qiegħed ifittex li jitħallas permezz ta' din il-kawża.

- Minn meta tlesta x-xogħol f'Ta' Ġiorni, l-attur beda jċempel lill-konvenut fuq il-*mobile* għall-ħlas iżda dan ma kienx iwieġeb jew rarament iwieġeb.

- Darba fost l-oħrajn, f'Awwissu 2016, meta kien kellu jgħaddi minn Ħ'Attard, ħa miegħu żewġ *invoices* (dokumenti BC1 u BC2) biex jgħaddihom lill-konvenut. Huwa niżżel id-data "5 ta' Awwissu 2016" fuq l-*invoices*.

- L-attur imbagħad spjega l-*invoices* fid-dettall.

- L-attur qal ukoll li kemm meta l-konvenut inkarigah kif ukoll waqt ix-xogħol u wara li tlestew ix-xogħlijiet, il-konvenut qatt ma tah x'jifhem li kien qed jinkarigah f'isem xi kumpannija. L-attur qal li l-ewwel darba li sar jaf bil-kumpannija kienet matul din il-kawża.

Fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2019, l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq.

Fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2020 xehed il-konvenut. Huwa qal li l-attur kien ħadimlu madwar erba' snin qabel u li hu (il-konvenut) ma rċieva ebda "*ittra bil-qorti*". Il-konvenut spjega li l-attur ġab żewġ inġenji u xufier wieħed filwaqt li ħadem b'magna waħda u l-oħra ma kinitx taħdem. Gauci spjega li ma ħallasx iżda x-xogħol sar.

Il-konvenut spjega li kien ġie miftiehem prezz bis-siegħa. Qal li l-attur mar fuq il-post b'żewġ inġenji u xufier wieħed. Qal li waqt li magna waħda kienet taħdem, l-oħra ma kinitx taħdem. Għalhekk, qal li ma setax iħallas għal xi ħaġa li ma kinitx qed taħdem. Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenut qal li skont il-kalkoli tiegħu, kellu jagħti lill-attur madwar disa' mitt Ewro.

In kontro-eżami, il-konvenut ikkonferma li l-gaffa kienet tal-attur Brian Camilleri u li x-xogħol li l-attur tqabbad jagħmel f'Ħ'Attard u f'Ta' Ġiorni sar kollu.

## **Konsiderazzjonijiet**

*i.* *Il-kwistjoni dwar min hu l-leġittimu kontradittur*

Il-provi dwar dan il-punt huma ċari. Għad li kien il-konvenut li eċċepixxa li r-relazzjoni ġuridika kienet bejn l-attur u s-soċjetà msejħa fil-kawża, huwa notevoli li meta xehed il-konvenut, ma saret ebda referenza għal VG Shutter & Concrete Works Limited.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Frankie Refalo nomine vs. Jason Azzopardi et*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001) intqal hekk:

> "*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Din is-sentenza ġiet ikkwotata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Edgar Urpani pro et noe vs. Continental Meat Co. Ltd*** (deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009).

Fis-sentenza ***Focal Maritime Services Company Limited vs. Top Hat Company Limited***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April 2008, intqal hekk:

> "*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet*

> *aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. Naturalment, l-aċċertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bażi tal-petitum u, ċjoe, tar-riużltat persegwit fil-ġudizzju mill-attur bit-talba tiegħu.*"

Għalhekk, għall-fini tal-eċċezzjoni mressqa f'din l-azzjoni, it-Tribunal irid jeżamina jekk hemmx in-ness rikjest sabiex VG Shutter & Concrete Works Limited titqies bħala parti materjali fin-negozju. Id-domanda li trid titwieġeb hija jekk din l-azzjoni tistax tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' VG Shutter & Concrete Works Limited.

F'dan il-każ, l-attur u l-konvenut huma l-uniċi xhieda. L-attur qal li l-ewwel darba li sema' isem is-soċjetà kjamata kien matul din il-kawża, u ma ġiex kontradett. Min-naħa tiegħu, il-konvenut ma semmiex lis-soċjetà kjamata fil-kawża waqt ix-xhieda tiegħu. Qatt ma qal, pereżempju, li meta inkariga lill-attur, kien qiegħed jaġixxi f'isem is-soċjetà VG Shutter & Concrete Works Limited. Kwindi, m'hemmx provi li jindikaw li VG Shutter & Concrete Works Limited kienet materjalment parti fin-negozju.

Għaldaqstant, it-Tribunal jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Victor Gauci u jillibera lis-soċjetà kjamata fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju. Konsegwentement, m'hemmx bżonn li jittieħed aktar qies tar-Risposta tas-soċjetà VG Shutter & Concrete Works Limited.

*ii.* *Il-preskrizzjoni*

Il-konvenut Victor Gauci eċċepixxa l-preskrizzjoni abbażi tal-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-każistika applikabbli hija ċara fis-sens li l-Art. 2148(a) japplika għal dawk li jipprestaw mhux biss il-materjal iżda l-frott tal-ħidma – bħal arluġġara, arġentiera, bajjada, ħajjata, skrapan, u oħrajn. Min-naħa l-oħra, l-Art. 2149(a) japplika anki għal min iforni biss il-materjal. Dan jiġbor fi ftit kliem is-sustanza tas-sentenzi ***Evan Balzan vs. Mary Grace Farrugia*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2015) u ***Anne Bonello vs. David Mallia*** (deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Mejju 2018).

Jirriżulta iżda li hi x'inhi preskrizzjoni applikabbli, wieħed għandu jiddiskuti l-istitut tal-ġurament deċiżorju.

It-Tribunal ra sewwa s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ***Bottega del Marmista Ltd vs. Paul Mifsud pro et*** (deċiża fis-26 ta' Jannar 2018) u anki s-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***P&S Limited et vs. Noel Zammit et*** (deċiża fis-16 ta' Frar 2018).

Sabiex il-konvenut jibbenefika mill-preskrizzjonijiet brevi, il-konvenut irid minn jeddu jaħlef li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Il-kliem "*minn jeddu*" jfissru li

huwa jrid jixhed in eżami meta jkun imissu jtella' l-provi – jiġifieri fl-istadju tal-provi tal-konvenut.

It-Tribunal qiegħed jislet din l-interpretazzjoni tal-kliem "*minn jeddu* mill-paragrafu 14 tas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***P&S Limited et vs. Noel Zammit et*** (deċiża fis-16 ta' Frar 2018). F'dak il-paragrafu, il-Prim' Awla tgħid li wara l-Att I tal-2017, infetaħ bieb sabiex l-attur jagħmel il-kontro-eżami lill-konvenut. Huwa ovvju li biex l-attur (jew is-soċjetà attriċi f'dan il-każ) jagħmel il-kontro-eżami lill-konvenut, dan irid ikun xehed in eżami, prodott minnu stess.

Issa, f'dan il-każ, Victor Gauci qatt ma qal li ma kienx debitur u lanqas qal li ma setax jiftakar jekk sarx ħlas. Anzi, Gauci xehed ċar li hu kien biss debitur tal-attur fl-ammont ta' madwar disa' mitt Ewro, u dan stante li allegatament l-attur ħadem b'magna waħda u mhux bi tnejn.

It-traskrizzjoni a fol. 58 tgħid hekk:

"*It-Tribunal:* *M'għandek tagħtih xejn minnhom dawn?*

*Xhud:* *Le, mhux qed ngħid li m'għandix nagħtih…*

*It-Tribunal:* *Kemm għandek tagħtih minnhom?*

*Xhud:* *Jien fil-kalkolazzjonijiet tiegħi xi disa' mija u xi ħaġa ġew.*

*It-Tribunal:* *B'kollox.*

*Xhud:* *Eħe.*"

Fid-dawl ta' dan kollu, huwa ċar li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi u hija kwindi miċħuda mit-Tribunal.

*iii.* *<u>Il-mertu</u>*

It-Tribunal ma jħossx il-bżonn li jiddiskuti l-mertu tal-kawża fit-tul stante l-ammissjoni ċara mill-konvenut fix-xhieda tiegħu. Jirriżulta li Victor Gauci qal ċar u tond, fil-kontro-eżami li sarlu (fol. 59) li l-attur wettaq ix-xogħlijiet kollha li l-konvenut qabbdu jwettaq.

Fir-rigward tal-ammont mitlub, it-Tribunal josserva li jekk il-konvenut kien jemmen li kellu jħallas lill-attur biss madwar disa' mitt Ewro, messu almenu ħallas dan l-ammont. Huwa ma spjegax għaliex ma ħallasx almenu dak l-ammont, li kkalkula huwa stess.

It-Tribunal ma jqisx relevanti l-argument tal-konvenut fis-sens li l-attur kellu żewġ magni iżda kien jaħdem b'waħda biss. Il-fatt hu li b'magna waħda jew bi tnejn, ix-xogħol sar kollu u m'hemmx provi li l-konvenut kellu xi lmenti dwar ix-xogħol li sar.

Inoltre, Gauci qal li wasal għall-figura ta' disa' mitt Ewro bil-prezz li tah l-attur stess. Iżda minħabba t-trapass taż-żmien, qal li ma kienx jiftakar id-diskors li sar dwar ftehim fuq il-prezz. Mistoqsi aktar dwar ir-rati applikabbli, Gauci qal li kienu ftiehmu li l-ħlas ikun skont is-siegħa u skont il-vjaġġ. Iżda huwa ovvju li sabiex it-Tribunal iqis jekk il-figura msemmija mill-konvenut fix-xhieda tiegħu hijiex ġusta u għandhiex mill-verità, it-Tribunal għandu bżonn ikun jaf ir-rati li abbażi tagħhom il-konvenut wasal għal dik il-figura. Sfortunatament, il-konvenut ma pprovdiex dawk ir-rati.

Għalhekk, it-Tribunal m'għandux għażla ħlief li jakkolji t-talbiet kollha tal-attur.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda kollha, it-Tribunal:

i. Jillibera lis-soċjetà VG Shutter & Concrete Works Limited mill-osservanza tal-ġudizzju u kwindi jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Risposta tagħha;

ii. Jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Victor Gauci;

iii. Jiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Victor Gauci;

iv. Jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Victor Gauci u għalhekk jilqa' t-talbiet kollha tal-attur u b'hekk jikkundanna lil Victor Gauci sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' elf u ħames mija u wieħed u tmenin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€1,581.20), bl-imgħax li għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, mill-24 ta' Marzu 2017 (data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali relattiva li kopja tagħha tinsab a fol. 51) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jitħallsu unikament mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**